**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 27 ta' Gunju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 480/95TM**

**Numru:**

**Doris Ellul u Bartholomeo Camilleri, u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2001, peress li fil-mori tal-kawza miet l-attur Bertu Camilleri, l-atti gew trasfuzi fuq Maria Camilleri, Joseph Camilleri, Charmaine Camilleri u Sylvana Gauci**

**Vs**

**Francesco Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' April, 1995 fejn ipremettew illi s-socjeta' Camilleri Brothers (Ghargur) Limited hija l-proprjetarja tal-barriera 5, Xwieki Road, Naxxar.

Ippremettew illi l-azzjonisti ta' din is-socjeta' huma Luigi Camilleri, llum mejjet, Francesco Camilleri u Bartholomeo Camilleri.

Ipremettew illi wara l-mewt ta' Luigi Camilleri, l-azzjonijiet tieghu ghaddew f'isthma indaqs bejn Doris Ellul u l-konvenut u dan skond testment tal-31 ta' Dicembru, 1992.

Ippremettew illi bi skrittura tat-13 ta' Dicembru, 1992, li kopja taghha qed tigi hawn esebita bhala dokument A, il-konvenut inghata minghand Luigi Camilleri d-dritt li x-xoghol tal-barriera kollha jsiru a spejjez esklussivi ta' l-imsemmi Francesco Camilleri bl-ghodda kollha u l-imsemmi Luigi Camilleri kellu jippercepixxi hamsin (50) centezmu ghal kull vjegg li johrog minn gol-barriera.

Ippremettew illi ghal kull *bon fini* rilevat li l-atturi qatt ma rcevew sold minghand il-konvenut.

Ipremettew illi l-iskrittura msemmija hija nvalida u nulla peress illi tenut kont li l-barriera kienet tappartjeni lis-socjeta' kummercjali, kien jispetta lill-istess socjeta' tidhol fin-negozju u mhux l-azzjonisti/diretturi *de proprio*.

Talab ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tiddikjara li l-iskrittura tat-13 ta' Dicembru, 1992 hija ghall-effetti kollha tal-ligi nulla u bla effett.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Francesco Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi d-domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ma jidhirx li l-iskrittura tat-13 ta' Dicembru, 1992 hija nulla u bla effett kif qed jigi allegat stante li din kienet biss riflessjoni ta' arrangament intern bejn l-ahwa Luigi u Frans Camilleri, li t-tnejn kienu azzjonisti u diretturi fis-socjeta' Camilleri Brothers (Gharghur) Limited.

2. Illi jidher li l-attrici Doris Ellul qeghda tohrog b'argumenti kontradittorji u li ma jaghmlux sens ghaliex filwaqt li permezz tal-atti odjerni qeghda titlob in-nullita' tal-iskrittura in kwistjoni, fit-18 ta' Lulju 1995 intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3088/95 kontra l-eccepjent li permezz tieghu issekwestrat is-somma ta' LM15,000 (hmistax il-elf lira) a basi tal-iskrittura msemmija.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti li gew esebiti;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna ftehim li nhalaq bejn zewg azzjonisti tas-socjeta' Camilleri Brothers (Gharghur) Limited li kienet tigestixxi negozzju ta' barriera. L-azzjonisti u d-Diretturi ta' din is-socjeta' kienu l-ahwa Luigi, Francis u Bartholomeo Camilleri, u l-ewwel tnejn, bi skrittura li ggib id-data tat-18 ta' Dicembru, 1992, ftehmu li, fil-waqt li jzommu in komun, il-barriera, l-ghodda u l-permessi, ix-xoghol materjali ta' tqattih u trasport issir minn u a spejjez ta' Francis Camilleri, waqt li huh Luigi ma jahdimx materjalment fil-barriera, izda jiehu biss hamsin centezmu ghall kull vjegg gebel li johrog. Mete saret din l-iskrittura, kien gie iffirmat ftehim iehor li in forza tieghu Bartholomeo Camilleri wieghed li jghaddi nofs l-interessi tieghu fil-barriera lill-huh Luigi, u n-nofs l-iehor lil huh Francesco. B'hekk l-interess f'din il-barriera kellu jibqa' f'idejn iz-zewgt ahwa Luigi u Francesco Camilleri. L-attrici, Doris Ellul, li, wara l-mewt ta' Luigi Camilleri, wirtet nofs l-isthma li kellu fl-imsemmija kumpanija (in-nofs l-iehor wirithom il-konvenut Francesco Camilleri), qed tallega li dik l-iskrittura kienet nulla ghax ma saritx mis-socjeta', li lilha kienet tappartjeni l-barriera, izda biss minn azzjonisti.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk il-ftehim ta' Dicembru, 1992, ghandux jew le jitqies bhala wiehed validu. L-atturi jallegaw illi tali ftehim kellu jsir mill-kumpannija u mhux mill-azzjonisti.

Ghalkemm kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija ma gietx presentata fl-atti ta' din il-kawza, jidher, mill-kumpless tal-provi, li l-kumpanija in kwistjoni kienet registrata bhala wahda privata, bl-azzjonisti u d-Diretturi jkunu l-istess tlett minn nies, l-ahwa Francesco, Luigi u Bartholomeo Camilleri. Meta sar il-ftehim impenjat, Bartholomeo Camilleri kien ceda kull interess li kellu fil-barriera u dan permezz ta' skrittura ta' divisjoni li giet iffirmata dakinhar stess, u cioe', fit-18 ta' Dicembru, 1992. Ghalkemm din l-iskrittura kellha forma ta' konvenju, kien jidher car il-hsieb tal-partijiet li l-barriera tibqa' topera biss bejn l-ahwa Luigi u Francesco Camilleri li, da parti taghhom, ftehmu li jirregolaw it-thaddim tal-barriera bi skrittura ohra ffirmata fl-istess laqgha. Jidher ukoll mill-provi, li wara dik il-laqgha, il-partijiet poggew, fil-fatt, fis-sehh il-ftehim milhuq.

Wara li miet Luigi Camilleri, il-partijiet regghu ltaqghu fl-1 ta' Dicembru, 1994, u regghu qablu li Bartholomeo Camilleri jibqa' maqtugh mill-barriera, u li l-isthma tal-kumpanija (li kienet topera l-

barriera) jkunu issa f-idejn Doris Ellul u Francesco Camilleri fil-kwota ta’ ¼ u ¾ rispettivament. Dan sehh peress illi Luigi Camilleri kien iddispona li l-isthma tieghu jitqassmu ugwalment bejn l-imsemmija Doris Ellul u Francesco Camilleri.

Ghalkemm, dan il-ftehim baqa’ ma giex finalizzat formalment, jidher car minn dan kollu li l-partijiet kollha interessati, azzjonisti u Diretturi tas-socjeta’ Camilleri Brothers (Gharghur) Limited, kienu qablu u affermaw mhux biss li Bartholomeo Camilleri ma jkollux x’jaqsam mal-barriera, izda li t-tmexxija effettiva taghha tkun f’idejn Francis Camilleri, tant li, fil-ftehim tal-1 ta’ Dicembru, 1994, Doris Ellul bhala successur *in parte* ta’ Luigi, giet ezentata minn “kull responsabbilta ta’ kull xorta u natura legali rizultanti mit-thaddin ta’ din il-barriera”, u dana in rifless ta’ dak li kien gie miftiehem fit-18 ta’ Dicembru, 1992.

Minn dan kollu jsegwi li kull ma sar, sar bi ftehim u l-konsapevolezza tal-partijiet interessati kollha u, ghalkemm ma deherx li dawn il-laqghat saru b’xi mod formali, saru bi qbil ta’ kull minn hu interessat. Kif inghad, ma giex prezentat kopja tal-*Memorandum and Articles* tal-kumpannija u kwindi ma jirrizultax kif ghandhom isiru laqghat tad-Diretturi u tal-Azzjonisti. L-artikolu 73

tal-*Commercial Partnership Ordinance* (li kien jirregola l-istatut tal-kumpanija fiz-zmien li sehhew il-ftehim in kwistjoni), kien jiddisponi li l-*Articles* tal-kumpanija huma dawk imnizzla fl-ewwel skeda tal-Ordinanza, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor. F'dan il-kaz, ma intweriex li l-partijiet ftehmu mod iehor jew eskludew xi artikolu partikolari minn dawk imnizzla fl-Ewwel Skeda, u, kwindi, a tenur ta' dak l-artikolu, dawk ir-regolamenti ghandhom jitqiesu bhala regolamenti tal-kumpanija.

Issa, klawsola 69 ta' l-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza, tiddesponi li "Rizoluzzjoni bil-miktub, iffirmata mid-diretturi kollha li dak iz-zmien ikollhom dritt jircevu avviz ta' laqgha tad-diretturi, tkun tiswa u tkun effettiva bhallikieku kienet ghaddiet f'laqgha tad-diretturi msejha u mizmuma kif jixraq". Klawsola ohra simili, fil-kuntest tal-azzjonisti, tinsab imnizzla bhala klawsola 4 fit-taqsima II tal-istess l-Ewwel Skeda. Skond dawn il-klawsoli, rizoluzzjoni iffirmata mid-diretturi jew l-azzjonisti kollha, tghodd u hija valida daqs li kieku issejhet laqgha formali tal-Bord tad-Diretturi u tal-azzjonisti. F'kazijiet u cirkustanzi simili, kif jghid il-<u>Gower</u> ("*The Principles of Modern Company Law*", Tielet Edizzjoni, p. 138), "*if all are agreed, a meeting may be a waste of time and hence it is usual to provide*

*that a resolution in writing signed by all the directors shall be as valid and effectual as if it had been duly passed at a meeting*."

F'dan il-kaz, hu veru li l-kitba ta' Dicembru, 1992, ma gietx iffirmata mid-Diretturi kollha, pero', id-Direttur l-iehor kien presenti u kien ghadu kemm iffirma konvenju biex ibiegh l-interessi tieghu fil-kumpanija. Inoltre, il-ftehim ta' Dicembru, 1994, jikkonferma u jikkonsolida l-ftehim precedenti, u dan kien gie ffirmat mill-persuni kollha interessati,

Ta minn josserva li dan il-principju, li rizoluzzjoni informali iffirmat minn kull minn hu interessat, tiswa daqs rizoluzzjoni formali, kien accettat mill-gurisprudenza ingliza minn hafna snin qabel ir-regolamentazzjoni tas-socjetajiet.

Hekk, fil-ktieb "Hahlo's Casebook on Company Law" (Tieni Edizzjoni, pag. 513), hemm riferenza ghall-kawza maghrufa taht l-isem ta' "<u>Collie's Claim</u>" deciza mill-*Court of Chancery* fl-1871. F'din il-kawza, "*The quorum of directors prescribed by the articles was three. A letter containing an agreement with another party was signed by two directors in the office of the company and handed to the other who forwarded it to the third director in the*

*country. The latter returned it to the other party, signed by himself and a fourth director. Held, that the agreement, though informal according to the internal regulation of the company, was binding on the company*."

Il-ftehim innifsu m'ghandu xejn kontra l-ligi jew kontra l-ordni pubbliku. Huwa ftehim fejn socji f'azzjenda ftehmu kif jahdmu flimkien fl-interess tal-azjenda, u hu ovvju li ftehim bhala dan kellu jsir mis-socji u mhux mill-kumpanija. Ftehim fejn socju jaghzel li jahdem hu u jiehu l-profitti kollha hu, hlief li jhallas mizata zghira lis-socju l-iehor, li jhallih ikompli jaghmel uzu mill-attrezzi komuni bla hlas, mhux ftehim barra min-normal jew kontra l-interessi ta' l-istess socji.

Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-istess attrici ma tantx donna hadet din il-kawza b'daqstant serjeta'. Fix-xhieda taghha, kienet tidher aktar interessata li tghid li ma hadetx il-flus li kellha tiehu taht il-ftehim li qed tipprova timpunja b'din il-kawza, milli biex tilmenta mill-istess ftehim. Oltre dan, ippresentat Mandat ta' Sekwestru (numru 3088/95) li hu wkoll ghandu bhala l-bazi tieghu l-ftehim li qed tipprova twaqqa b'din il-kawza. Dan kollu huwa agir direttament kontradittorju ghal dak li qed jigi sostnut f'din il-kawza.

L-attrici, wkoll, bhala successur tal-firinatorju Luigi Camilleri, tkompli l-personalita' guridika tieghu darba li ma rrinunzjatx il-wirt tieghu, u kwindi trid t-onora kull obbligazzjoni u ftehim li accetta l-istess Luigi Camilleri. Bhala li jkompli l-personalita tad-decejus, l-eredi huwa marbut li jibqa' jonora l-obbligazzjonijiet tal-awtur tieghu, u ma jistax, kwindi, imur kontra jew jipprova ixejjen dak li "hu stess" ikun ghamel. Daqs kemm persuna ma tistax twaqqa' dak li hi stess tkun ghamlet (hlief fil-kazijiet kontemplati fil-ligi), daqtant iehor l-eredi ma jistax iwaqqa' dak li jkun ghamel l-awtur tieghu.

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

IMHALLEF

D/REG